MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 774/2006/1

**Vella Group Limited (C-22149)**

**v.**

**AX Construction Ltd (C-17438)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Vella Group Limited li permezz taghha ppremettiet:

"1. Illi permezz ta' kuntratt ta' appalt iffirmat fl-4 ta' Awissu, 2004 (Dok 'A') il-kumpannija intimata tat b'sub-appalt lill-kumpannija rikorrenti diversi xogholijiet ta' skavar u xogholijiet relatati gewwa stabbiliment ossia fabbrika illi l-kumpannija intimata kienet giet imqabbda tibni minn terzi gewwa z-zona industrijali ta' Hal Far;

"2. Illi x-xogholijiet kollha dedotti fil-kuntratt originali ta' appalt tal-4 ta' Awissu, 2004 gew kompletati mill-kumpannija ghall-habta ta' Novembru, 2004;

"3. Illi aktar tard u cioe' ghall-habta ta' April tas-sena 2005 il-kumpannija rikorrenti giet imqabbda mill-kumpannija intimata sabiex taghmel xi xogholijiet addizzjonali fl-istess stabbiliment gewwa Hal Far liema xogholijiet kienu jikkonsistu f'xogholijiet ta' skavar ta' gibjun u xi skavar iehor. Il-kumpannija rikorrenti pprezentat stimi ghal dawn ix-xogholijiet fis-26 ta' April, 2005 (Dok 'B') u wara illi dawn gew accettati mill-kumpannija intimata l-kumpannija rikorrenti ghaddiet biex taghmel dawn ix-xogholijiet u gew kompletati f'Mejju ta' l-istess sena;

"4. Illi susegwentement u cioe' f`Gunju tas-sena 2005 il-kumpannija intimata regghet talbet lill-kumpannija rikorrenti sabiex taghmel xi xogholijiet addizzjonali ohra ta' skavar fl-istess stabbiliment gewwa Hal Far;

"5. Illi fit-28 ta' Gunju, 2005 il-kumpannija rikorrenti baghtet stima ghax-xogholijiet addizzjonali mitluba mill-kumpannija intimata fejn gew indikati wkoll ir-rati applikabbli ghal tali xogholijiet addizzjonali (Dok 'C');

"6. Illi kif kien gja gie spjegat mill-kumpannija rikorrenti f'komunikazzjoni datata 22 ta' Gunju, 2005 (Dok 'D') minhabba tibdil f'xi cirkostanzi, inkluz zieda konsiderevoli fil-prezz taz-zejt fiz-zmien in kwistjoni r-rati moghtija fl-istima tat-

28 ta' Gunju, 2005 kienu oghla minn dawk tal-kuntratt originali u tax-xogholijiet addizzjonali precedenti izda nonostante cio`, din l-istima u r-rati hemm indikati gew accettati mill-kumpannija intimata u l-kumpannija rikorrenti ghaddiet sabiex taghmel ix-xogholijiet;

"7. Illi fil-fatt l-istima tat-28 ta' Gunju, 2005 giet iffirmata minn Michael Mifsud, rapprezentant tal-kumpannija intimata li accetta l-istess stima wara li ghamel notament illi r-rata ghandha titqies illi tinkludi "backfilling, compaction and carting away of excess material" (Dok 'E');

"8. Illi fl-istess gurnata l-esponent John Mary Vella ghall-kumpannija rikorrenti rega' ffirma l-istess dokument datat 28 ta' Gunju, 2005 fejn indika illi "backfilling is not included in rate" u sussegwentement ix-xogholijiet bdew u gew kompletati mill-kumpannija rikorrenti bil-kunsens tal-kumpannija intimata. Dawn ix-xogholijiet addizzjonali gew kompletati f'Lulju, 2005 izda sad-data ta' llum ghadhom ma thallsux;

"9. Illi f'Awissu, 2005 il-kumpannija intimata ghal darb'ohra talbet lill-kumpannija rikorrenti sabiex taghmel xi xogholijiet ta' mass excavation u ta' tnehhija u rimi ta' hajt fil-perimetru ta' l-istess stabbiliment gewwa Hal Far;

"10. Illi l-kumpannija rikorrenti baghtet stima ghal dawn ix-xogholijiet fl-1 ta' Awissu, 2005 fejn regghu gew applikati l-istess rati tax-xogholijiet precedenti illi saru f'Gunju u Lulju, 2005;

"11. Illi ghal darb'ohra dawn ir-rati gew accettati mill-kumpannija intimata kif jirrizulta mill-firma ta' l-imsemmi Michael Mifsud fuq l-istima mahruga mill-kumpannija rikorrenti (Dok 'F');

"12. Illi sussegwentement il-kumpannija rikorrenti ghaddiet sabiex taghmel dawn ix-xogholijiet;

"13. Illi sussegwentement ukoll f'Settembru, 2005 il-kumpannija intimata talbet lill-kumpannija rikorrenti sabiex taghmel xoghol ta' drainage connection fl-istess stabbiliment gewwa Hal Far, liema xoghol kien rikjest b'mod urgenti u mmedjat.

Il-kumpannija rikorrenti baghtet stima ghal dan ix-xoghol fit-22 ta’ Settembru, 2005 (Dok G) liema stima giet accettata verbalment mill-kumpannija intimata u minhabba n-natura urgenti tax-xoghol il-kumpannija rikorrenti ghaddiet minnufih sabiex taghmel dan ix-xoghol bil-kunsens tal-kumpannija intimata;

“14. Illi barra minn hekk tul iz-zmien kollu illi l-kumpannija rikorrenti kienet qed taghmel xogholijiet fl-istabbiliment in kwistjoni gewwa Hal Far f’diversi okkazjonijiet hija kriet lill-kumpannija intimata diversi ingenji sabiex dawn jigu uzati fix-xogholijiet illi kienet qed taghmel il-kumpannija intimata fl-istess stabbiliment. Il-fatturi relattivi ghal dawn il-kirjiet huma annessi u mmarkati Dok ‘H’ sa Dok ‘L’;

“15. Illi ghalkemm il-kumpannija intimata ghamlet xi pagamenti akkont, kif jirrizulta mill-anness statement ta’ fatturi u pagamenti fiz-zmien in kwistjoni (Dok ‘M’), l-ahhar pagament illi sar mill-kumpannija intimata kien f’Novembru, 2005 meta l-bilanc li kien ghadu dovut lill-kumpannija esponenti kien ta’ LM43,647.96 u iktar recentement ammont iehor ta’ sitt elef disa’ mija tnejn u ghoxrin lira u wiehed u erbghin centezmu (LM6,922.41) li kien hemm qbil dwarhom gew pacuti ma’ xi ammonti ohra dovuti mill-kumpannija rikorrenti u ghalhekk il-bilanc dovut lill-kumpannija rikorrenti llum huwa ta’ sitta u tletin elf, seba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM36,725.55);

“16. Illi l-kumpannija intimata qed tirrifjuta milli thallas dan il-bilanc ghaliex wara li kienu tlestew ix-xogholijiet kollha l-kumpannija intimata deherilha illi r-rati miftiehema f’Gunju u Awissu kif fuq imsemmi kienu gholjin wisq u ghalhekk ma riditx thallashom;

“17. Illi pero’ hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-kwantitajiet tax-xogholijiet illi saru mill-kumpannija esponenti ghalhekk huma r-rati applikabbli biss illi huma in kontestazzjoni;

“18. Illi mill-kont kurrenti illi zammet il-kumpannija rikorrenti tul iz-zmien kollu illi ghamlet ix-xogholijiet moghtija lilha b’appalt mill-kumpannija intimata gewwa l-istabbiliment HF61, Hal Far, (Dok ‘M’) jirrizulta illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta’ sitta u tletin elf seba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM36,725.55) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ xogholijiet

ta’ skavar u xogholijiet relatati; bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ kiri ta’ ingenji u apparat ; u in kwantu s-somma ta’ sitt elef sitt mija tlieta u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (LM6,643.48) prezz miftiehem ghal xoghol relatat ma’ drainage connection fl-istess stabbiliment;

“19. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha kemm kapitali kif ukoll l-imghax, il-kumpannija intimata naqset milli thallas u ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma kellhiex triq ohra hlief illi taghmel din il-kawza.

“Ghaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kumpannija intimata AX Construction Limited hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti Vella Group Limited fis-somma ta’ sitta u tletin elf seba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM36,725.55) oltre l-imghax legali (kkalkolat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc) rapprezentanti (1) bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ xogholijiet ta’ skavar u xogholijiet relatati ma’ l-istess skavar gewwa l-istabbiliment numru HF61 fiz-zona industrijali ta’ Hal Far bejn Awissu 2004 u Ottubru 2005 ; (2) bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ kiri ta’ ingenji u apparat ghall-uzu mill-kumpannija intimata gewwa l-istess stabbiliment ; u (3) in kwantu s-somma ta’ sitt elef mija tlieta u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (LM6,643.48) prezz miftiehem ghal xoghol relatat ma’ drainage connection fl-istess stabbiliment;

“2. Tordna lill-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta’ sitta u tletin elf, seba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM36,725.55) oltre l-imghax legali (kkalkolat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc), rapprezentanti (1) bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ xogholijiet ta’ skavar u xogholijiet relatati ma’ l-istess skavar gewwa l-istabbiliment numru HF61 fiz-zona industrijali ta’ Hal Far bejn Awissu 2004 u Ottubru 2005 ; (2) bilanc minn somma akbar tal-prezz ta’ kiri ta’ ingenji u apparat ghall-uzu mill-kumpannija intimata gewwa l-istess stabbiliment ; u (3) in kwantu s-somma ta’ sitt elef mija tlieta u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (LM6,643.48) prezz miftiehem ghal xoghol relatat ma’ drainage connection fl-istess stabbiliment;

“Bl-ispejjez kontra l-kumpannija intimata li hija ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni taghha.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` AX Construction Limited fejn tghid:

“Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti :

“1. Illi fl-ewwel lok jinghad illi mhux kontestat illi l-esponenti tat xogholijiet ta’ skavar u xogholijiet ohra lir-rikorrenti permezz ta’ kuntratt ta’ sub-appalt datat l-4 ta’ Awissu 2004 kopja ezebita mir-rikorrenti bhala Dok “A” ;

“2. Illi pero’, b’referenza ghat-tieni paragrafu tar-rikors promotur ta’ din l-azzjoni, hija kkontestata bl-aktar qawwa d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi x-xogholijiet kollha dedotti fil-kuntratt surreferit gew kompletati ghall-habta ta’ Novembru 2004 ; illi ai termini ta’ l-istess kuntratt, ix-xoghol kontrattat kien ikopri x-xoghol ta’ skavar u x-xoghol l-iehor kollu li kellu jsir mir-rikorrenti fil-fabbrika in kwistjoni u l-area ta’ madwarha, u ghaldaqstant ir-rati li qablu fuqhom il-partijiet (annessi ma’ l-istess kuntratt Dok.A) japplikaw ghax-xogholijiet kollha maghmula mir-rikorrenti fuq l-istess sit ;

“3. Illi dwar it-tielet paragrafu tar-rikors promotur, mhux kontestat li x-xogholijiet deskritti f’Dok B kienu xoghol addizzjonali. Dan fil-fatt kien xoghol addizzjonali li sar wara xoghol li gia kien sar u li sussegwentement kellu jitbiddel fuq direzzjoni tal-Principal ; ghaldaqstant kellhom japplikaw rati godda peress illi ma kienx hemm rata ghal tali xoghol fil-kuntratt ta’ l-4 ta’ Awissu 2004 surefferit. Illi kull ammont dovut fuq dan ix-xoghol fil-fatt thallas ;

“4. Illi dwar id-dokumenti Dok “C” u Dok. D annessi mar-rikors promotur, dawn kienu rati li qatt ma gew accettati mill-esponenti u ma kien hemm ebda bdil fuqhom kif jidher car mid-dokumenti ezibiti mis-socjeta’ rikorrenti. Fid-Dok E jirrizulta wkoll illi m’hemm ebda ftehim definittiv bejn il-kontendenti. Fil-fatt, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors, is-socjeta’ rikorrenti m’ghamlet ebda “backfilling u compaction” u inoltre ma kien hemm ebda “double handling”

involut. Illi l-asserzjoni tas-socjeta’ rikorrenti illi dan ix-xoghol ma thallasx hija kontestata. Ir-rati applikabbli ghal dan ix-xoghol huma dawk li kienu ftehmu l-partijiet fuqhom minn qabel skond il-kuntratt ta’ bejniethom ta’ l-4 ta’ Awissu 2004 u mhux rati ezorbitanti u unilaterali li pprovat timponi minn jeddha r-rikorrenti ; is-socjeta’ rikorrenti thallset skond ir-rati kontrattati, u dan kif se jigi ppruvat waqt il-kawza ;

“5. Illi dwar id-Dok F ezibit mis-socjeta’ rikorrenti, peress illi ma kienx hemm rata miftiehma ghal xoghol ta’ “removal of external front boundary masonry wall up to road level and carting away” (paragrafu “a” ta’ l-istess Dok.F) fl-iskrittura ta’ bejn il-partijiet ta’ l-4 ta’ Awissu 2004, bilfors kien hemm bzonn ta’ ftehim ad hoc bejn il-kontendenti dwar rata ghall-istess. Pero’, allavolja kien hemm ftehim fuq ir-rata applikabbli ghal dan ix-xoghol, gara illi r-rikorrenti qatt ma ghamluh u minflok ghamlitu s-socjeta’ esponenti, u dan kif se jirrizulta mill-provi, ghaldaqstant ir-rikorrenti ma tistax tippretendi hlas ta’ xoghol li m’ghamlitx ; rigward il-paragrafi “b” u “c” ta’ l-istess Dok. F, jinghad illi mhux minnu illi r-rati kontenuti f’dawn il-paragrafi kienu miftiehma bejn il-partijiet u r-rikorrenti biex tqarraq ziedet il-parentesi u l-frazi “agreed to” minn jeddha wara li ffirma r-rapprezentant tas-socjeta’ intimata u mhux fil-prezenza tieghu ;

“6. Illi dwar “Dok.G”, ir-rata kkwotata mir-rikorrenti ma kenitx ir-rata miftehma verbalment bejn il-kontendenti fil-prezenza ta’ terzi. Illi inoltre r-rikorrenti kienu baghtu stima fuq pretiza li kellu jsir certu tip ta’ xoghol illi sussegwentement ma sarx kif miftiehem, u dan kif se jirrizulta mill-provi ;

“7. Illi kwalunkwe ammonti dovuti ghal kiri ta’ ingenji gew imhallsa u ghaldaqstant ma hemm ebda ammonti dovuti f’dan ir-rigward ;

“8. Illi l-istatement ta’ fatturi Dok. M u ghaldaqstant anke Dok. N sa Dok. S huma totalment kontestati, u dan peress illi hija bbazata fuq quotations ezagerati tas-socjeta’ rikorrenti stess li unilateralment ghogobha illi tinterpretahom bhala ftehim, u dan meta gia kien hemm ftehim fuq prezzijiet bejn il-kontendenti permezz tal-kuntratt ta’ l-4 ta’ Awissu 2004 ;

“9. Illi meta bbazat fuq valutazzjoni tax-xogholijiet skond ir-rati kontrattati u miftiehma bejn il-partijiet, u kif jirrizulta mid-dokument ezibit ma’ din ir-risposta

bhala Dok. "AX01" u mill-provi li se jigu prodotti waqt il-kawza, l-esponenti m'ghandha taghti ebda ammont lis-socjeta' rikorrenti.

"10. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-istess Qorti moghtija fil-31 ta' Jannar 2011 li permezz taghha laqghet it-talba attrici limitament ghas-somma ta' tnejn u sittin elf, mitejn u disghin Euros u sbatax-il centezmi (€62,290.17) u ordnat li l-ispejjez jithallsu kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mis-socjeta` konvenuta u tletin fil-mija (30%) minn dik attrici;

Illi minhabba n-natura tal-kawza jkun tajjeb li tigi riprodotta parti sostanzjali tas-sentenza appellata:

"Jirrizulta li fl-4 ta' Awissu 2004, il-partijiet ghamlu ftehim bil-miktub ta' sub-appalt fejn b`inkariku tal-kumpannija konvenuta ("AX"), il-kumpannija attrici ("Vella") kellha tezegwixxi diversi xogholijiet ta' skavar gewwa fabbrika HF 61, fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far. Fil-kuntratt, kienu stabbiliti r-rati tal-hlas tax-xoghol.

"Kwistjoni ewlenija fil-kawza tal-lum hija propju jekk ir-rati tal-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 kienux ikopru biss ix-xogholijiet li tlestew f`Novembru 2004, kif qeghda ssostni Vella, inkella kienux jestendu ghal xogholijiet ohra tal-istess natura li twettqu fl-istess sit jew fil-madwar fi zminijiet differenti wara, kif tallega AX.

"Din il-Qorti tosserva li l-vertenza bejn il-partijiet hija svestita minn kwistjonijiet ta` legittimita` procedurali, ma tirrigwardax l-entita` jew il-kejl tax-xoghol li kien

ezegwit minn Vella, izda hija centrata fuq ir-rati li fuqhom kellha tithallas Vella ghall-appalt.

“In partikolari, Vella tallega li x-xoghol li tieghu qeghda tippretendi l-hlas fil-kawza tal-lum ma ghandux x’jaqsam mal-ftehim originali ta’ l-4 ta’ Awissu 2004, izda li dak pretiz kien hlas ghal xoghol addizzjonali jew *“extra works”.* Fuq l-iskorta tad-dokumenti li ressqet dwar dawn ix-xogholijiet, in partikolari fejn jirrigwarda l-istimi, Vella tallega li kienu saru ftehim ohra, vinkolanti bejn il-partijiet, fejn ir-rati tal-hlas kienu oghla minn dawk tal-ftehim tal- 4 ta’ Awissu 2004.

“AX tirribatti din il-pretensjoni billi ssostni li x-xogholijiet li saru wara dawk msemmija fil-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 2004 ma kienux xogholijiet godda risultanti minn ftehim gdid, izda kienu kontinwazzjoni ta’ xogholijiet ta’ l-istess natura li kienu regolati bil-ftehim ta’ l-4 ta’ Awissu 2004. Ghalhekk ir-rata applikabbli ghal dawk ix-xogholijiet kellha tkun dik tal-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 2004 u allura cahdet li kienu saru ftehim *ad hoc* b`rati differenti ghal xogholijiet li kienu koperti b`dak il-kuntratt.

**“Ikkunsidrat :**

**“<u>Il-Provi</u>**

“Kienet esebita kopja tal-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 (Dok A a fol 7) fejn fl-ewwel (1.) paragrafu jaqra hekk –

> *““The works falling under this Agreement consist of Earthworks being carried out and* ***to be carried out*** *at Factory HF61 Hal-Far Industrial Estate and within its boundaries, at the agreed rates as per Doc B as revised on the 20th July 2004, and for any* ***further*** *works which are* ***not included*** *in the above mentioned Bill of Quantities (Doc B) for which, rates would have to be agreed.”* (enfasi ta` din il-Qorti).

“Is-sitt (6.) paragrafu jirrispekkja l-ewwel (1.) paragrafu u jaqra hekk –

> *““Any excavations over the agreed depths in Doc B and any extra works not covered for in the Bills of Quantities (Doc B) rates have to be agreed between the Main Contractor* (i.e. AX Construction) *and the Sub-Contractor”* (i.e. Vella Group Limited).

“Id-Dok B (fol 10 sa 13) li jaghmel parti integrali tad-Dok A, bhall-kuntratt, huwa ffirmat miz-zewg partijiet u jinqasam fi tlieta : *civil works – office building* ; *civil works – manufacturing building* u *civil works – external works.*

*“Prima facie* il-kwantita` ta` xoghol li sar mhux kontestat. Li hu kontestat huma r-rati.

**“Ix-xhud principali tal-kumpannija attrici huwa d-direttur taghha <u>John Mary sive` Jimmy Vella</u>.**

“Fl-affidavit tieghu (fol 44 sa 48), ix-xhud Vella jixhed li x-xogholijiet kollha li kienu koperti mill-kuntratt Dok A kienu lesti sa <u>Novembru 2004</u> u Vella kienet thallset (inkluza r-*retention money*).

“Ghall-habta ta` <u>April 2005</u>, Vella kienet inkarikata minn AX sabiex taghmel <u>xoghol *iehor* ta` skavar</u> fl-istess fabbrika fejn kien tlesta l-ewwel appalt. Dan ix-xoghol ma kellu x`jaqsam xejn ma` dak li kien sar fl-ewwel appalt u ghalhekk kellu jsir ftehim gdid dwar rati ta` hlas. Fil-fatt ir-rati kienu indikati fid-Dok B u kienu accettati minn AX. Ix-xoghol twettaq kollu sa <u>Mejju 2005</u>.

“Ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal Dok B (a fol 14) u cioe` kopja ta` fax bi *quotation* bin-numru 0056 datata 26 ta` April 2005 fejn Vella ikkwotat lil AX prezz ta` Lm 5 ghal kull metru kubu ta` *excavation in loose material including carting away to an approved dumping site* u prezz ta` Lm 13.50 ghal kull metru kubu ta` *excavation in solid rock including double handling and trimming by hymac and carting away to an approved dumping site.*

“Jidher li Dok B esebit hija l-fax li rceviet lura Vella minghand AX bid-data tad-29 ta` April u bil-kumment iffirmat *Rates are approved. No rates are to be increased prior to authorisation by M. Mifsud* (ta` AX).

“Ix-xhud Vella jissokta jghid li f`Gunju 2005, Vella kienet inkarikata minn AX sabiex taghmel xoghol *differenti* ta` skavar fl-istess fabbrika. Fit-28 ta` Gunju 2005, Vella ikkwotat ir-rati taghha ghal dak ix-xoghol (Dok C). Minhabba zieda fl-ispejjez, ir-rati kienu oghla minn dawk tal-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 u minn dawk tax-xoghol li sar f`April 2005. Minkejja z-zieda, AX accettat ir-rati l-godda u x-xoghol sar. Dan id-Dok C esebit a fol 15 huwa fax ta` Vella lil AX datata 28 ta` Gunju 2005 b`zieda kif proposta fir-rati. Jidher li kien hemm twegiba ghal din il-fax u cioe` Dok E a fol 17 fejn jinghad – *Rate approved. Rate is inclusive of subsequent backfilling, compaction and carting away of excess material* u firma. In aggunta hemm nota ohra – *N.B. Backfilling not included in rate. Please confirm today* u firma.

“Qieghed jinghad li l-istima nbaghtet bil-fax u kienet accettata minn Michael Mifsud ta` AX. Vella jippreciza li *rate is inclusive ...* saret minn Michael Mifsud *waqt li backfilling is not included ...* saret minn Vella. Minghand AX lura ma gie xejn. Vella fehmet li x-xoghol seta` jsir u fil-fatt dan twettaq f`Lulju 2005. Dak ix-xoghol baqa` ma thallasx.

“John Mary Vella jkompli jixhed li f`Awissu 2005 AX talbet lil Vella sabiex isir xoghol ta` *mass excavation* u ta` tnehhija u rimi ta` hajt fil-perimetru tal-istess fabbrika. Kienet esebita bhala Dok F (fol 18) fax ta` Vella lil AX datata 1 ta` Awissu 2005 bi *quotation.* Fuq id-dokument jidhru xi aggunti *a mano* u firem. Kienu applikati r-rati tax-xoghol li kien sar f`Gunju u Lulju 2005. Michael Mifsud iffirma l-istima.

“L-istess xhud Vella jixhed li f`Settembru 2005, saret talba minn AX ghal xoghol ta` *drainage connection* fl-istess fabbrika. L-istima tal-prezz tax-xoghol hija Dok G. Din kienet accettata verbalment u minhabba l-urgenza ix-xoghol sar malajr.

“Ix-xhud Vella jsostni li Dok H sa Dok L huma fatturi ta’ kiri ta` ingenji lil AX Construction. Ighid in partikolari li Dok M huwa *statement* tal-fatturi.

“Vella jsostni li l-ahhar li AX hallset akkonti kien f`Novembru 2005 meta l-bilanc favur Vella li kien ta` Lm 43,647.96 nizel bl-ammont ta` Lm 6,922.41 effett ta` *barter* ghal figura finali pretiza ta` Lm 36,725.55.

“Fil-**kontroezami**, John Mary Vella xehed li meta ntemm ix-xoghol skond il-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004, AX tathom lura r-*retention money*.

“Il-ftehim il-godda bejn il-partijet kienet jittrattaw xoghol differenti nkluz l-iskavar. Ghal kull xoghol illi sar *extra* sar ftehim li kien accettat minn AX. Billi x-xoghol kien mghaggel, hafna drabi il-ftehim kien ikun bil-fomm.

“Dwar Dok F, ix-xhud fisser dwar il-firem li wahda kienet tieghu, ohra kienet ta` Michael Mifsud u ohra tal-QS tal-Vella Group. Kollox sar b`kulhadd prezenti.

“Ix-xhud ma accettax bhala korretti s-*certificates of payment* li hareg il-*quantity surveyor* ta` AX u ppreciza li fejn il-prezzijiet indikati fis-*certificates of payment* kienu jirriflettu l-ftehim, allura kien hemm qbil ; fejn ma kienux allura l-partijiet kienu jiltaqghu u jiddiskutu.

“Skond ix-xhud, Vella kienet tqis li sar ftehim meta Vella kienet tibghat fax bir-rati u AX kienet taccetta.

**“F’kull ma stqarr John Mary Vella, kien korraborat mix-xhud Stephen Cini.**

“Fil-**kontroezami**, Cini xehed li r-regola ta` Vella Group kienet li l-istimi jigu ffirmati.

“Apparti l-firma ta’ John Mary Vella u ta` Michael Mifsud, fuq Dok F, kien hemm ukoll il-firma tieghu.

“Skond Cini, il-firem saru kollha fl-istess hin. Ix-xhud ikkonferma li huwa kiteb il-kliem *agreed to* u u ghamel l-*bracket* kollox dak il-hin li saru l-firem u mhux wara fil-presenza ta` Michael Mifsud.

“Il-kliem zdied ghaliex fil-laqgha kien hemm ftehim bejn Vella u AX li r-rata tinbidel biex issir Lm 14.

"Vella kkontestat ic-*certificates of payment* ta` AX.

**"Diversi kienu l-provi tal-kumpannija konvenuta sabiex, filwaqt li tirribatti l-pretensjoni attrici, tghid li m` ghandha taghti xejn lil Vella (ara l-prospett taghha Dok AX1 a fol 37)**.

"Xehed **Michael Mifsud** li kien il-Construction Manager ta` AX Construction bejn Settembru 2004 u Settembru 2005. Skond Mifsud, Vella kellha l-inkariku li taghmel skavar fil-progett tal-fabbrika ta' Hal-Far. Ix-xoghol kollu ta` skavar u r-rati applikabbli kien regolat bil-ftehim ta` l-4 ta` Awissu 2004. Kwalsiasi bdil fir-rati kellu jsir bil-miktub.

"Mifsud ighid li Dok B (esebit mill-attrici) kien jinvolvi rati differenti ghaliex il-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 ma kienx jipprovdi ghal dak ix-xoghol partikolari. Ir-rata tal-hlas lil Vella kienet miftehma, ix-xoghol sar u thallas. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda pendenza fir-rigward.

"Fir-rigward ta` Dok C u Dok D, Mifsud jixhed li kienu japplikaw ir-rati tal-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 propju ghaliex ma kienx hemm qbil ma` Vella dwar awment.

"Ghar-rigward ta` Dok E, Mifsud isostni li r-rata kienet approvata pero` kienet kwalifikata fis-sens li ma kienx intlahaq ftehim definittiv dwar l-istima ta` Vella li allura ma kenitx accettata.

"Ghar-rigward ta` Dok F, Mifsud ighid li r-rata proposta minn Vella kienet accettata ghax ix-xoghol de quo ma kienx kopert mill-ftehim tal-4 ta` Awissu 2004. Pero` attwalment ix-xoghol qatt ma sar. Tant li xx-xoghol twettaq minn AX.

"Ghar-rigward ta` b u c, Mifsud ighid li ma kienx hemm ftehim u lanqas accettazzjoni.

“Ghar-rigward ta` Dok G, Mifsud isostni li x-xoghol baqa` ma sarx ghax il-quotation ta` Vella ma kenitx accettata.

“Xehed **Hans Attard** Construction Manager attwali ta` AX. L-insistenza ta` AX kienet li r-rati applikabbli kienu dawk tal-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004.

“Dwar ix-xoghol ta` *mass excavation* ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ir-rati pretizi minn Vella. Anzi ir-rati lanqas kienu jaghmlu sens.

“Dwar Dok F, ix-xhud ighid li John Mary Vella irrifjuta li jaghtih kopja tieghu. Din waslet waqt laqgha li saret in segwitu bejn il-partijiet.

“Sostna b`riferenza ghall-istess Dok F li kien accettat minn AX l-*item a.* Il-kliem *agreed to* fid-dokument ma sarx minn Michael Mifsud. Stephen Cini kien qallu li l-*bracket* fid-dokument kien mizjud wara mhux fil-presenza ta` Michael Mifsud. Ir-rata ta` Lm 14 ghal kull metru ma kenitx accettata lanqas minn Michael Mifsud.

“Ix-xhud irribadixxa li AX Construction ma kellha taghti xejn lil Vella.

“Fil-**kontroezami**, Attard xehed li mieghu Michael Mifsud cahad li ffirma dak id-dokument fis-sens fejn hemm il-*bracket* li tghaqqad iz-zewg *items*. Il-firma *tidher* ta` Michael Mifsud. Dan pero` cahad li qatt accetta dik l-istima bil-firma tieghu u cioe` qal li dik mhix il-firma tieghu.

“In **riezami** din il-Qorti kkonstatat li x-xhud bidel il-verzjoni tieghu fis-sens li accetta, wara verifiki li ghamel, li l-firma fuq Dok F kienet ta` Michael Mifsud ghalkemm il-kitba ma kenitx tieghu. Il-kliem *agreed to* u l-parentesi saret u kienet ffirmata minn Stephen Cini. *Ben inteso* li dan kollu skond ma qallu haddiehor ghax ix-xhud ma kienx prezenti meta sar dan kollu.

“Xehed il-**Perit Wallace Farrugia**, li kien il-perit tas-sid tal-fabbrika. Huwa qal hekk -

*""ma setax ikun illi x-xoghol kollu ta` skavar jibqa` ghaddej mhux interrott mill-bidu b`mod kostanti sal-ahhar ... illi x-xoghol ta` skavar ikkontemplat fil-progett ma bediex u kompla b` mod kontinwu u sa kemm tlesta kollu pero` sar f`fazijiet differenti skond l-esigenzi tal-programm ta` xogholijiet."*

"Dwar Dok G, huwa qal li l-kontenut kien jirrifletti varjazzjoni fil-kuntratt.

"Xehed **Anglu Xuereb** direttur tal-kumpannija konvenuta. Ighid -

*""Permezz ta` dan il-ftehim* (u cioe` il-ftehim tal-4 ta` Awissu 2004) *ahna konna ftehmna r-rati li kellhom japplikaw ghax-xogholijiet kollha li kellhom isiru fit-sit ghajr ghax-xogholijiet li ma kienx hemm rata ghalihom stipulata fil-kuntratt. Fil-kaz ta` dawn ix-xogholijiet ta` l-ahhar kien isir ftehim bejn il-partijiet u konna nuzaw bhala referenza r-rati li s-soltu kienu jintuzaw fl-industrija tal-bini ghax-xoghol kkoncernat."*

"Ix-xhud ighid li AX mxiet skond il-ftehim u li r-*retention money* kien rilaxxjat mhux ghax il-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 kien intemm izda bhala gest ta` rieda tajba ma` Vella. Ghalhekk ma kienx jippretendi li Vella kellha tinqeda b`dak il-gest sabiex iggibu bhala argument li l-kuntratt kien intemm u li x-xogholijiet ta` wara kienu ftehim *godda.*

"Xehed **George Xuereb** li ffirma l-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004. Dak il-ftehim kien ikopri x-xogholijiet kollha ta` skavar li kellhom isiru. U jghid hekk -

*""Illi bil-mod kif kien imfassal il-progett, kien impossibbli illi x-xogholijiet ta` skavar jibdew u jispiccaw f`salt wiehed u gia kien hemm pjanati perijodi fejn ix-xoghol ta` skavar kellu jieqaf peress illi kien hemm il-bzonn li jitlesta xoghol ta` snajja ohra qabel max-xoghol ta` skavar ikompli ..."*

"L-ebda data ta` tlestija ma kienet indikata fil-kuntratt.

“Xehed **Brian Callus** *quantity surveyor* ta` AX. Il-kwistjoni tad-*double handling* kienet tinvolvi rati godda li kienu accettati minn AX. It-tkabbir tal-gibjuni sar wara talba tal-klijent. Dak ix-xoghol kien gdid u ghlhekk kien jinvolvi rati godda. Ir-rati proposti minn Vella kienu accettati, thallsu u ghalhekk xejn ma hu dovut lil Vella. Dwar Dok F, ikkonferma li Stephen Cini kkonferma mieghu li l-parentesi u l-kliem *agreed to* kien ziedhom hu wara meta mar lura l-ufficcju u allura mhux fil-presenza ta` Michael Mifsud. Fid-dokument kienet tidher il-firma ta` Michael Mifsud.

**“Ikkunsidrat :**

**“Id-Dritt**

“Kull ftehim li jsir bejn il-partijiet skond il-ligi jorbothom it-tnejn daqs kull ligi. L-**Art.992(1) tal-Kap.16** ighid hekk –

> ““*il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*”

“Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Frar 1997 fil-kawza “**Vassallo noe vs Maggi**”, il-Qorti ta’ l-Appell qalet hekk -

> *““… dak li ghandu l-aktar importanza huwa x’ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir u l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid wara.”*

“Issa l-**Art.1002 tal-Kap.16** ighid li “*meta l-kliem tal-konvenzjoni huwa car ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni*”. Imbaghad hemm l-**Art.1010 tal-Kap.16** li jghid li “*fil-konvenzjoni ma jidhlux hlief il-hwejjeg li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-hsieb li jikkuntrattaw*.”

"Mela x`ezatt ftehmu l-partijiet huwa dak li jiswa`. Dan ghaliex fil-kamp tal-appalti, mhux kull xoghol imwettaq *zejjed* f`appalt jista` jitqies bhala *extra works* (ara : **"Sant Fourner noe vas Shaikh et"** – PA/AJM – 5.11.2001). Dan qieghed jinghad ghaliex meta jinghata xoghol b`zieda waqt li jkun qieghed jitwettaq appalt, u ma jkunx sar ftehim gdid, dak ix-xoghol zejjed ghandu jitqies bhala estensjoni tal-appalt kif miftiehem fil-bidu bl-istess rata u hlas (ara : "**Camilleri et vs Farrugia**" – PA/TM – 19 ta` Frar 2004). Ghalhekk fil-kaz ta` dubju jekk kienx sar ftehim gdid u sakemm ma ssirx prova ta` ftehim xort`ohra, xoghol zejjed f`appalt li fih ikun sar ftehim dwar hlas, jitqies bhala estensjoni ta` dak l-appalt u huwa regolata bl-istess ftehim (ara : "**Vassallo vs Spiteri et**" – Appell Civili – 28 ta` Jannar 2000).

"Trid issir riferenza ghall-**Art.1639 tal-Kap.16** li jaqra hekk -

> *""L-appaltatur li jintrabat li jtella' bini, jew xoghol iehor kbir, skond pjanta stabbilita u miftehma ma' min tah ix- xoghol, ma jista` jitlob ebda zieda fil-prezz, minhabba li jkun zdied il-prezz tal-haddiema jew tal-materjali, jew minhabba li fil-pjanta ikun sar xi tibdil jew zieda, li ma jkunux gravuzi ghalih."*

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) tas-17 ta` Ottubru 1919 fil-kawza "**Manara vs Vassallo et noe"** (Kollez. Vol. XXIV.I.964) inghad hekk -

> *""Attesoche' il fondamento guridico della disposizione sopra citata riposa nella considerazione che l'esecuzione dello appalto a prezzo fisso e' circoscritto dal piano stabilito, e la spesa delle opere da farsi entro i limiti del contratto e del piano stabilito e convenuto col committente, ha un carattere aleatorio per l'appaltatore il quale e' tenuto ad eseguire i lavori tracciati dal disegno a suo rischio e pericolo ; e quante volte nel corso della costruzione fosse a sorgere la necessita' o la convenienza di opere aggiunte o di varianti non contemplate nell' originario disegno, l'imprenditore che pretendesse rivalsa contro il committente per quelle variazioni od aggiunte deve dimostrare che le stesse gli fossero state onerose, e cio` in base al principio che il comittente deve fare conscio l` appaltatore che quelle opere siano fuori della previsione del contratto la cui spesa non potrebbe essere addossata all' imprenditore per scusa che il committente ne venisse ad arrischiarsi indebitamente."*

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Topserv Ltd vs Vella noe**" inghad hekk dwar l-Art.1639 tal-Kap.16 –

*""A contrariu sensu jfisser, dejjem attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta' entita' kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista' u ghandu dritt jitlob zieda fil-prezz. Din hi disposizzjoni eccezzjonali u taghmel sens tenut rigward tat-telf kbir li jista' jigi subit f`dawn il-kazijiet ta' xoghol kbir."*

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) tas-6 ta` Ottubru 2005 fil-kawza "**Vella Borg vs Accountant General et**", saret din l-osservazzjoni :

""...*Illi l-ligi taghna timxi mar-regola li l-bidla jew zieda fix-xoghol miftiehem f`appalt ta` bini jew ta` xoghol iehor kbir ma taghtix jedd lill-appaltatur ghal zieda fil-prezz sakemm dawk il-bidliet ma jkunux aktar grvuzi ghalih. Il-ligi ma jidhirx li taghmel distinzjoni – bhalma jidher li tezisiti f`ligijiet ta` pajjizi ohrajn* (b`riferenza ghal Art 1660 u 1661 tal-Kodici Civili Taljan) *bejn meta x-xoghol gdid jew zejjed ikun inholoq bla mahsub min-natura nnfisha tal-appalt u meta dak ix-xoghol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju wahdieni fil-ligi taghna huwa dak li l-bidliet ikunu ghamlu l-appalt aktar gravuz ghall-appaltatur."*

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Camilleri et vs Farrugia noe**" (op. cit.) inghad hekk –

""…*il-Qorti hija ta' l-opinjoni li meta kuntrattur jiftiehem mas-sid fuq rati ghax-xoghol, u, tul l-eskuzzjoni ta' l-appalt, jigi mitlub biex jaghmel u fil-fatt jaghmel, xoghol extra, il-hlas ghal dak ix-xoghol ghandu jkun l-istess bhal dak li gie miftiehem qabel. Meta kuntrattur jaccetta li jaghmel xoghol extra, il-presunzjoni hi li hu jkun hekk qed jaccetta taht l-istess kundizzjonijiet ta' hlas li kienu ftehmu fuqhom qabel. Mhux logika li l-kuntrattur li jinnegozja rata partikolari ghax-xoghol principali, jaccetta li jaghmel xoghol extra fl-istess appalt bi hlas differenti. Il-pozizzjoni kienet tkun differenti kieku sar ftehim fuq l-appalt, li gie ezegwit, u wara l-kuntrattur inghata appalt iehor bla ftehim fuq il-hlas : f'kaz bhal dan, l-kuntrattur ikun irid jipprova li l-intenzjoni taz-zewg partijiet kienet li ghat-tieni appalt jithallas bl-istess mod kif sar fl-ewwel appalt. Meta, pero', qed nitkellmu fuq estensjoni ta' xoghol fl-istess appalt, il-presunzjoni ghandha tkun li, ghal dak ix-xoghol extra li gie inkorporat fl-istess appalt, il-hlas ghandu jkun kif kien miftiehem ghall-appalt innifsu, u jekk is-sid ikun irid ihallas anqas, irid juri li kien ftiehem mal-kuntrattur li ghal dak ix-xoghol kellu jithallas b'mod differenti. Fi kliem iehor, sakemm ma ssirx prova ta' ftehim differenti, xoghol extra li jkun inkorporat f'appalt li fuqu jkun sar ftehim dwar hlas, ghandu jitqies bhal semplici estensjoni ta' dak l-appalt u l-hlas regolat bl-istess ftehim.*

*"Dan gie osservat f'kuntest tad-drittijiet ta' perit, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "__**Vassallo vs Spiteri et**__", deciza fit-28 ta' Jannar, 2000. Dik l-Onorabbli Qorti kienet osservat li kien xieraq li l-"additional work" li assuma l-perit jigu kkonsidrati bhala estensjoni ta' l-inkarigu originali li kien inghata, u ma kienx gust li wiehed jippretendi li l-perit jaccetta li jaghmel dan ix-xoghol extra b'rata ta' hlas imnaqqsa. Jekk is-sid ried li ghal dak l-"additional work" il-perit jithallas b'rata anqas baxxa, kellu jaghmilha cara mal-perit mill-bidu u jesigi ftehim f'dan is-sens minghandu. Darba ma sarx ftehim f'dan is-sens, ghax-xoghol extra li inghata r-rata ta' hlas kellha tkun kif gie originarjament miftiehem."*

**"Ikkunsidrat :**

**"__Ir-Risultanzi__**

"Vella qeghda tippretendi minghand AX bilanc ta' hlas ta` Lm 36,725.55. Dok M a fol 23 juri kif huwa maqsuma dak l-ammont.

"Jirrizulta minn Dok M li *excavation works at Hal-Far* kienu jiswew b`kollox Lm 54,779.42, kiri ta` makkinarju kien ilahhaq Lm 3,535.57, u *drainage connection* kien jammonta ghal Lm 6,643.48. Dan oltre bilanc *carried forward* ta` Lm 5,191.48.

"Jirrizulta wkoll mid-dokument li mit-total thallsu Lm 21,501.99, flimkien ma` Lm 11,922.41 f`*barter*.

**"__Ghalhekk il-bilanc pretiz ta` Lm 36,725.55__**.

"AX qeghda tikkontendi li ma ghandha thallas xejn lil Vella skond kif jirrizulta fil-prospett Dok BC13 a fol 134.

"Dwar ix-xogholijiet, jirrizulta li Vella mhix qeghda tressaq pretensjoni ghal hlas ta` xogholijiet li kienu tlestew sa Novembru 2004 ghaliex ghal dawk Vella kienet

thallset inkluz ir-*retention money*. Il-pretensjonijiet taghha huma centrati fuq ix-xogholijiet li kienu kontrattati f`April, Gunju, Awissu u Settembru 2005.

"L-ewwel item ta` Dok M huwa *b/fwd balance* datat 23 ta` Gunju 2005 ghall-ammont ta` Lm 5,191.48. Mhux qieghed jirrizulta ghal liema pendenza dak l-ammont qieghed jirreferi, u dan qieghed jigi sottolineat ghar-raguni li l-uniku xoghol li ghamlet Vella wara Novembru 2004 kien dak ta` April 2005 skond Dok B u l-kont ghal dak ix-xoghol huwa Dok N ghal Lm 8,011.80c li hija t-tieni item ta` Dok M.

**"<u>Fl-assenza ta` dokument jew prova ohra konklussiva, apparti Dok M, u konsiderata l-kontestazzjoni ta` AX, din il-Qorti ma tistax taccetta bhala dovuta s-somma ta` Lm 5,191.48</u>**.

**"<u>Tghid pero` li l-kont ta` Lm 8,011.80c (relattiv ghal Dok B) huwa dovut</u>**.

"Dwar ix-xoghol ta` Gunju 2005, ir-rati tal-hlas kienu trattati f`Dok C, D u E waqt li l-kont ghall-hlas huwa Dok O datat 18 ta` Lulju 2005 ghall-ammont ta` Lm 4,704.23. Jirrizulta li AX accettat il-bidla fir-rati hlief ghall-prezz tal-*backfilling.* Pero` din il-Qorti tghid li mill-mod kif svolgew il-fatti u cioe` li ma jirrizultax li AX marret lura bi twegiba ghand Vella sabiex tghid li ma kenitx lesta taccetta li l-*backfilling* ikun eskluz mill-*quotation,* u meta tqis li x-xoghol sar, hija ghandha tapplika l-insenjament tas-sentenza ta` din il-Qorti tal-1 ta` Marzu 1950 fil-kawza "**<u>Ebejer vs Aquilina</u>**" fejn inghad hekk -

> *""Fil-konswetudini kummercjali hemm l-obbligu tar-risposta esplicita jigifieri illi jekk wiehed jircievi missiva akkompanjata minn dikjarazzjoni, anki implicita, ta' konkluzjoni ta` kuntratt, u ma jirrispondix ghal dik il-missiva, is-silenzju tieghu jammonta ghal accettazzjoni tal-kuntratt implikat f'dik il-missiva."*

**"<u>Ghalhekk anke l-kont ta` Lm 4,704.23c huwa dovut</u>**.

"Ix-xoghol li sar f`Awissu 2005 jirrizulta indikat fil-kont Dok P u kien inizjat mill-*quotation* Dok F. Dwar in-notamenti *a mano* fuq id-dokument, saru ghadd ta` provi, whud konfliggenti bejn il-partijiet, u whud anke kontrastanti f`dak mistqarr

mill-istess xhieda. Hawn din il-Qorti qeghda tirreferi ghac-cirkostanza meta nkitbu l-kliem *agreed to* u l-parentesi. Fuq dak li rrizultalha, din il-Qorti sejra taghti affidament lill-provi ta' Vella.

"**Ghalhekk il-kont ta` Lm 2,699.20c huwa dovut wkoll**.

"Dwar ix-xoghol li sar f`Settembru 2005, u cioe` id-*drainage connection*, jirrizulta l-*quotation* saret skond Dok G u l-kont relattiv huwa Dok Q ghall-ammont ta` Lm 6,643.48c. Waqt li taghmel riferenza ghall-affidavit tal-Perit Wallace Farrugia dwar dan ix-xoghol partikolari, **din il-Qorti tghid li l-ammont dovut huwa Lm 3,273.95** skond Dok A a fol 69 u mhux dak pretiz minn Vella.

"Issa kienu esebiti zewg kontijiet ohra ta` *excavation works* l-ewwel wiehed datat 7 ta` Ottubru 2005 ghall-ammont ta` Lm 35,224.44 (Dok R) u iehor ghal Lm 4,139.75 (Dok S). Dawn igibu total ta` Lm 39,364.19.

"Din il-Qorti gharblet bir-reqqa l-assjem tal-provi u qieset kull ma rrilevat AX fil-parti C *L-istimi pprezentati mis-socjeta` attrici* tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha u tghid li ma sabet l-ebda kontestazzjoni plawsibbli u motivata dwar dwar iz-zewg kontijiet.

"**Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-ammont pretiz ta` Lm 39,364.19 huwa dovut**.

"Dwar il-pretiza attrici ghall-hlas ta` kiri ta` makkinarju, din il-Qorti tosserva li f`Dok BC13 (esebit minn AX) ma hemm l-ebda riferenza ghal kiri ta` makkinarju.

"Issa fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, AX Construction tghid li ma hemmx prova li l-kirja tal-ingenji saret lil AX Construction ghaliex fuq l-iskorta tad-dokumenti esebiti minn Vella jirrizulta li l-*quotations* taghha jsejhu kumpannija ohra u cioe` AX Holdings Limited. Allura, skond il-kumpannija konvenuta, jekk Vella kellha pretensjoni ghall-hlas ta` kiri ta` ingenji dan kellha tressaqha lil AX Holdings Limited.

“Ghajr ghad-dokumenti, il-provi l-ohra tal-partijiet ma jittrattawx din il-kwistjoni.

“Ghar-rigward tal-kiri tal-ingenji, Vella tibbaza ruhha fuq Dok H sa Dok L (fol 20 sa 22). U din il-Qorti jkollha toqghod fuq id-dokumenti fl-assenza ta` provi konklussivi li juru min kera l-ingenji. Ghalkemm il-hames *quotations* juru lkoll li l-ingenji hadmu Hal-Far, kien f`zewg *quotations* biss li tissemma` l-kumpannija konvenuta u cioe` Dok H ghall-ammont ta` Lm 973.50 u Dok L ghall-ammont ta` Lm 1138.70. It-tliet *quotations* l-ohra jirreferu ghal AX Holdings Limited. **Din il-Qorti sejra taccetta bhala dovuti mill-kumpannija konvenuta ghal kiri ta` makkinarju l-ammonti ndikati biss f`Dok H u Dok L – total ta` Lm 2112.20c**.

“Jirrizulta li Vella rceviet hlasijiet minghand AX uhud permezz ta` pagamenti fi flus u ohrajn permezz ta` *barter* kif *del resto* kien jipprevedi l-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004.

“Skond Dok M, Vella irceviet flus fl-ammont komplessiv ta` Lm 21,501.99.

“Skond Dok BC13, apparti l-Lm 21,501.99 kif indikat minn Vella, AX hallset Lm 21,564.85.

“Bhala punt ta` dritt, jispetta lil min jallega l-pagament u cioe` lil AX li tressaq il-prova tal-hlas sal-grad rikjest mil-ligi. L-unika evidenza *prima facie* ta` pagament tidher fid-Dok BC13. Id-dokumenti esebiti b`mod konfuz mal-affidavit ta` Brian Callus (minn fol 77 et seq) ma jwasslux ghal din il-prova. Pero` l-fatt li anke *ictu oculi* jdghajjef bil-bosta t-tezi tal-konvenuta huma l-allegati pagamenti li saru fl-2004 u dan propju ghaliex Vella ma ressqet l-ebda pretensjoni ta` hlas ghall-2004.

**“Ghal din il-Qorti dak li jaghti affidament huwa l-prova li Vella rceviet pagamenti akkont ghax-xogholijiet mertu ta` din il-kawza fl-ammont ta` Lm 21,501.99**.

"Dwar il-*barters*, Vella qeghda taccetta li kellu jsir tnaqqis mill-pretensjoni taghha fl-ammont komplessiv ta` Lm 11,922.41 u ndikat id-dati, mentri AX tghid fid-Dok BC13 li ma' dik il-figura trid tizdied figura ohra ta` Lm 8,000. Din il-Qorti tghid li l-pretensjoni ta` AX mhix attendibbli mhux biss ghaliex mhix kwalifikata jew identifikata b`dati izda l-aktar ghaliex tirrigwarda zewg kumpanniji li jissemmew fil-kuntratt tal-4 ta` Awissu 2004 mhux il-kumpannija li maghha huwa abbinat il-*barter* fl-ammont ta` Lm 11,922.41 u li specifikament tirrizulta mill-fatturi esebiti minn Vella. Huwa probabbli firm li l-*barter* ta` Lm 8,000 imsemmi fid-Dok BC13 mhux relatat mal-pretensjoni mertu ta` din il-kawza.

"**Ghalhekk ghal din il-Qorti l-ammont li kellu jitnaqqas huwa Lm 11,922.41**.

"In konkluzjoni u meqjusa fil-kuntest taghhom il-provi kollha akkwiziti, **din il-Qorti tikkonkludi li l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` Lm 26,741.17 ekwivalenti ghal €62,290.17**.

**"Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar it-talbiet tal-kumpannija attrici u dwar l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta billi –**

**"Tiddikjara lill-kumpannija konvenuta bhala debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` tnejn u sittin elf mitejn u disghin Ewro sbatax-il centezmu (€62,290.17) bl-imghax legali kif previst mill-Art.26A sa l-Art.26E tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**"Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` tnejn u sittin elf mitejn u disghin Ewro sbatax-il centezmu (€62,290.17) bl-imghax legali kif previst mill-Art.26A sa l-Art.26E tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**"Tordna li l-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwant ghal sebghin fil-mija (70%) mill-kumpannija konvenuta u in kwantu ghal tletin fil-mija (30%) mill-kumpannija attrici."**

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpanija A X Construction Limited li permezz tieghu talbet ir-revoka tas-sentenza msemmija u talbet li l-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici interament bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li permezz taghha irrespingiet it-talba tal-appellanti u talbet li s-sentenza appellata tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell billi rreferew ghall-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**Aggravji tal-Appellant**

Illi l-ewwel Qorti qalet illi l-kwistjoni li kellha quddiemha kienet jekk ir-rati li kellhom jithallsu lis-socjeta` attrici kienux l-istess bhal dawk tax-xoghol li kien gia` sar qabel dak inkwistjoni, jew kienx hemm lok ghas-socjeta` attrici li titlob rati oghla. Infatti l-istess socjeta` appellanti fir-rikors tal-appell tghid mill-bidu illi l-ewwel Qorti ‘ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti’ meta ddikjaratha debitrici ghas-somma gia` msemmija.

Ghalhekk sewwa rrispondiet is-socjeta` appellata illi din il-Qorti qed tintalab tiddikjara li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien zbaljat u allura tichad it-talbiet attrici. Kif tajjeb ukoll indikat is-socjeta` appellata fir-risposta taghha, illi appuntu dwar dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."* Dawn il-pronunzjamenti huma logici – ghaliex hu car *"li kienet l-Ewwel Qorti li kellha okkazzjoni tisma x-xhieda delikata u determinanti viva voce, li kellha l-oportunita` tivvaluta l-komportament u l-bixra tax-xhud u kif dan irreagixxa taht il-piz tal-kontro ezami."* (**Joseph Grech Sant nomine v. Dottor Riccardo Farrugia nomine**, Appell 28 ta' Frar 1997).

Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa

u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

**L-ewwel aggravju** jidher li hu li fil-fehma tal-appellanti mhux minnu li l-vertenza kienet biss fuq ir-rati, izda anke fuq xoghol li hija qed tghid li ma sarx. Dwar dan pero` l-appellanti ma semmiet xejn fir-risposta guramentata taghha – hlief ghal '*back filling'* li dwaru l-Qorti se tikkumenta aktar 'il quddiem - u allura wiehed ma jlumx lill-ewwel Qorti li ddecidiet illi l-kwistjoni kienet fuq ir-rati. Anke n-nota ta' sottomissjonijiet li giet prezentata mill-appellanti quddiem l-ewwel Qorti ma taghmel ebda riferenza ghal dan. Barra minn hekk il-Qorti semghet il-provi relattivi u allura kellha l-polz tal-kawza sewwa meta waslet ghal din il-konkluzjoni u allura dan l-aggravju ma jirrizultax lil din il-Qorti.

Wara li semma dan l-aggravju generiku, l-appellanti tirreferi ghal numru ta' dokumenti li fuqhom l-ewwel Qorti strahet biex waslet ghad-decizjoni taghha. Ghandu jinghad li anke hawn l-appellanti qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li ma taqbilx mal-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti, meta kif gia` ssemma u wiehed jista' jara' mis-sentenza nnifisha, il-Qorti esprimiet il-fehma taghha dwar il-kredibilita` ta' numru ta' xhieda li allura din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tisma' u certament ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti. Huwa importanti li f'kawzi simili l-partijiet igibu l-ahjar provi biex jissustanzjaw it-talbiet taghhom u mhux jesebixxu dokument kwalsiasi u

jistennew li dan jigi accettat bhala prova ghaliex kif dejjem intqal mill-Qrati taghna:

**“Min jallega jrid jipprova** jew **–“*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat’*** kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi” (**Dr H Lenicker v. J. Camilleri**, Prim’Awla 31 ta’ Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995).

Il-Qorti ghalhekk se taghmel riferenza sommarja ghal dawn l-aggravji ghaliex kollha jirrigwardjaw evalwazzjoni tal-provi li gia` saret mill-ewwel Qorti.

**L-ewwel dokument huwa Dok B;** l-appellanti tghid li din ir-rata giet mifthema bejn il-partijiet tramite l-firma ta’ Michael Mifsud u dwar dan ma kien hemm ebda rata ghalih fil-kuntratt inizjali. Skont l-appellanti x-xhud Brian Callus ikkonferma li din ir-rata kienet giet fatturata fic-certifikati ta’ hlas (Dok BC08 sa 11) u allura dawn l-ammonti jirrizultaw imhallsin. Kif pero` rrilevat is-socjeta` appellata fir-risposta taghha ghall-appell, jirrizulta li dokument esebit mar-rikors promotur jaqbel fil-kontenut ma’ dak li indika Callus u dan jindika wkoll bilanc - li jfisser li dak li qed tghid l-appellanti mhux korrett.

**It-tieni u tielet sett ta' dokumenti** li ghalihom hemm riferenza fir-rikors tal-appell, u cioe` Dok C, D, E u O u dokumenti Dok F u Dok P huma kif sewwa rrispondiet l-appellata, koperti minn dak li gia` ntqal b'riferenza ghat-tema principali tal-appell u hawnhekk l-appellanti qed titlob li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Kif ukoll qalet l-ewwel Qorti ma giex pruvat illi s-socjeta` appellanti f'xi hin irrispondiet ghat-talba ghall-hlas mitlub fid-Dok O u barra mill-punto di vista legali espress fis-sentenza tal-1950 **Ebejer v. Aquilina**, dan huwa indikattiv li l-istess appellanti ma kkontestatx dak il-kont *a tempo vergine* u allura jindika li l-validita` tieghu.

Dwar Dokumenti F u P ukoll l-ewwel Qorti korrettement interpretat ic-cirkostanza meta inkitbu l-kliem '*agreed to'* bhala prova ta' accettazzjoni tar-rata.

**Ir-raba' sett** ta' dokumenti huma dok G u Q; hawnhekk il-Qorti naqqset l-ammont mitlub ghal tlett elef, mitejn, tlieta u sebghin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm3.273.95c) izda s-socjeta` appellanti qed tghid li anke dan l-ammont ma ghandux jithallas ghaliex huwa inkorporat fid-dokument BC12 (li huma certifikati ta' hlas) u allura thallas. Dwar dan jidher li s-socjeta` appellanti ghandha ragun u ppruvat li dan l-ammont fil-fatt kien gia` thallas. Ghalhekk il-Qorti se tirriduci l-ammont indikat fis-sentenza bis-somma ta'

sebat elef, mitejn, tmienja u sittin Euros u tletin centezmi (€7,268.30) ekwivalenti ghas-somma msemmija.

**Il-hames sett ta' dokumenti** – Dok M, R u S jkopru ammont sostanzjali izda huwa car li f'dan il-parti tal-appell, l-appellanti taghmel riferenza ghal lanjanza principali taghha u cioe` li r-rata applikabbli ghax-xoghlijiet kollha kellha tkun l-istess bhal dawk tal-kuntratt inizjali.

Dwar dan il-punt l-ewwel Qorti dahlet fid-dettall tal-kwistjoni sija mil-lat fattwali u sija mill-punt ta' dritt u ghamlet riferenza kopjuza ghal gurisprudenza li din il-Qorti sejra semplicemement taghmel riferenza ghaliha u tghid li taqbel mal-interpretazzjoni li tat l-istess Qorti miz-zewg punti di vista msemmija, a skans ta' ripetizzjoni.

**L-ahhar** aggravju tal-appellanti jirrigwardja l-ingenji u l-kiri taghhom. Dawn huma koperti mid-dokumenti H sa L. Hawnhekk l-ewwel Qorti in effetti naqqset l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ghaliex uhud mid-dokumenti ma kienux jirreferu ghas-socjeta` appellanti izda ghal AX Holdings. Fil-fatt is-socjeta` appellata fir-risposta taghha tghid li anke dawk l-ammonti mnaqqsa kienu intuzaw mill-appellanti u li dan kien biss *lapsus calami*. Madankollu hija ppreferiet li ma tappellax mit-tnaqqis imsemmi. Il-Qorti jidrilha li l-

apprezzament tal-ewwel Qorti ghar-rigward tal-ammont li inkludiet fis-somma li ghandha tithallas lill-attrici kien korrett u d-dokumenti jindikaw ukoll li dawn l-ingenji kienu intuzaw ghall-appalt inkwistjoni.

Rigward **l-ispejjez** billi l-ammont imnaqqas mhux se jbiddel wisq il-percentwali rilevanti, dawk tal-ewwel istanza se jibqghu l-istess, filwaqt dawk tal-appell se jirriflettu rebh u telf skont il-ligi tal-procedura.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss fir-rigward tas-somma ta' sebat elef, mitejn, tmienja u sittin Euros u tletin centezmi (€7,268.30) li se jitnaqqsu mis-somma akkordata mill-ewwel Qorti izda tichdu ghal kumplament u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li s-somma li s-socjeta` appellanti ghandha thallas lil dik appellata tkun hamsa u hamsin elf u wiehed u ghoxrin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€55,021.87), bl-imghaxijiet kif gia` decizi mill-ewwel Qorti; l-ispejjez tal-ewwel istanza wkoll jibqghu kif decizi mill-istess Qorti; dawk tal-appell kwantu ghal wiehed minn disgha ($^{1}/_{9}$) mis-socjeta` appellata u l-kumplament tmienja minn disgha ($^{8}/_{9}$) mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------